31999D0164

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Frar 1999

li tirrigwarda in-nuqqas ta' inklużjoni tad-DNOC ta' sustanza attiva f' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva

(notifikat fid-dokument Nru. C(1999) 332)

(Test b'relevanza taż-ŻEE)

(1999/164/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tirrigwarda it-tqegħid ta' prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti fuq is-suq [1], kif emendat l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/73/KE [2],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru. 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992 li jelenka r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-ewwel parti tal-programm ta' xogħol riferut f' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tikkonċerna it-tqegħid ta' prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti fuq is-suq [3], hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1199/97 [4], u partikolarment b' l-Artikolu 7(3a)(b) tiegħu,

Billi ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 933/94 [5], hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament Nru. 2230/95 [6] stabilixxa s-sustanzi attivi ta' prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti, nominati mir-*rapporteurs* ta' l-Istati Membri għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru. 3600/92 u identifikaw lil dawk li nnotifikaw kull sustanza attiva;

Billi d-*DNOC* huwa wieħed mid-90 sustanza attiva msemmija fl-ewwel parti tal-programm ta' xogħol li jitkellem dwaru l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE;

Billi b'mod konformi ma' l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92, Franza, li hi ir-*rapporteur* nominat mill-Istati Membri, issottomettiet fit-30 ta' Settembru 1996 lill-Kummissjoni, ir-rapport dwar l-assessjar tagħha ta' l-informazzjoni sottomessa minn dawk li jinnotifikaw skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament;

Billi wara l-konsenja tar-rapport tar-*rapporteur* mill-Istat Membru, l-Kummissjoni għamlet konsultazzjonijiet ma' l-esperti ta' l-Istati Membri kif ukoll ma' dak li nnotifika prinċipali (Elf Atochem Agri SA) hekk kif hemm provdut f' l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92;

Billi r-rapport sottomess kien rivedut mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti; billi din ir-reviżjoni kienet finalizzata fl-1 ta' Diċembru 1998 fil-format tar-rapport rivedut tal-Kummissjoni dwar id-*DNOC*, b'mod konformi mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(6) tar-Regolament (KE) Nru. 3600/92;

Billi jidher mill-assessjar magħmul li l-informazzjoni sottomessa ma wrietx li l-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva jissodisfaw il-ħtiġijiet stipulati f' Artikli 5(1)(a) u (b) u 5(2)(b) tad-Direttiva 91/414/KEE, partikolarment fejn jirrigwarda l-*operator exposure* aċċettabbli u l-*exposure* ta' l-organiżmi tat-tip *non-target*;

Billi, għalhekk, mhux possibbli li din is-sustanza attiva tkun inkluża f' l-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE;

Billi ġie mogħti perjodu limitat żejjed għar-rimi, ħażna, tqegħid fis-suq u użu ta' stokk eżistenti skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE iridu jkunu provduti;

Billi din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax xi azzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu fi stadju ieħor 'il quddiem dwar din is-sustanza attiva fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 79/117/KEE [7];

Billi l-miżuri provduti fid-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-*DNOC* mhux inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(1) ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
(2) ĠU L 353, ta' l-24.12.1997, p. 26.
(3) ĠU L 366, tal-15.12.1992, p. 10.
(4) ĠU L 170, tat-28.6.1997, p. 19.
(5) ĠU L 107, tat-28.4.1994, p. 8.
(6) ĠU L 225, tat-22.9.1995, p. 1.
(7) ĠU L 33, tat-8.2.1979, p. 36.

Artikolu 2

l-Istati Membri għandhom jassiguraw:

1) li awtorizzazzjonijiet għal prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom id-*DNOC* jkunu rtirati fi żmien sitt xhur mid-data tan-notifikazzjoni tad-Deċiżjoni preżenti;

2) li mid-data tan-notifikazzjoni tad-Deċiżjoni preżenti l-ebda awtorizzazzjonijiet għal prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-*DNOC* ma jingħataw jew ikunu mġeddin skond id-deroga li hemm prevista f' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jagħtu żmien iktar għar-rimi, ħażna, tqegħid fuq is-suq u użu ta' stokk eżistenti skond kif provdut fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, li tkun mill-aqsar possibbli u mhux itwal minn 15 il-xahar mid-data tan-notifikazzjoni tad-Deċiżjoni preżenti.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Frar 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni